

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni**(Il-Każ M.8763 — KKR/Tekfor)****Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2018/C 87/04)

1. Fis-26 ta' Frar 2018, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (¹).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

- KKR & Co. L.P. (“KKR”, l-Istati Uniti tal-Amerika),
 - Tekfor Global Holdings Ltd (“Tekfor”, ir-Renju Unit), ikkонтrollata minn Amtek Global Technologies Pte Ltd.
- KKR takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdien il-kontroll ta’ Tefkor kollha kemm hi.
- Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta’ xiri ta’ ishma.
2. L-aktivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
- KKR: KKR hija ditta ta’ investiment dinjija li toffri firxa wiesgħa ta’ servizzi ta’ ġestjoni ta’ assi alternattivi lill-investimenti tas-suq pubbliċi u privati u li tiprovvdi soluzzjonijiet tas-swieq ta’ kapital għad-ditti, il-kumpaniji tal-portafoll tagħha u l-kljenti tagħha,
 - Tekfor: Tekfor hi kumpanija b’resonabbiltà limitata reġistrata fl-Ingilterra li timmanifattura u tforni komponenti u assemblaġġi għal trażmissionijiet tal-karozzi, magni, drivelines, qfieli u applikazzjonijiet specjalji oħra.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista’ taqa’ fil-kamp ta’ applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdien. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta’ ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 (²) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista’ jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista’ jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta’ din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi spesifikata:

M.8763 — KKR/Tekfor

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta’ kuntatt ta’ hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz tal-posta:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

(¹) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-“Regolament dwar l-Għaqdien”).

(²) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.